KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Tnejn u Tmenin (82)*

***It-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

## 82.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

82.1.1 Ittra ta' apologija minghand il-Kunsilliera Miriam Schembri.

## 82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

82.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 81 li nzammet nhar it-Tlieta, 8 ta' Mejju 2018.

82.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 81 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

82.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 81. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 81 gew approvati unanimament.

## 82.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 82/2018 – Mejju 2018*

82.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 82-2018 biċ-ċekkijiet numru 6078 sa 6111 li tammonta €16,972.28

82.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 82-2018 bl-ammont ta' €16,972.28
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

82.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 82-2018 giet approvata unanimament.

## 82.4 Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarju tal-Ewwel Kwart: Perjodu Jannar-Marzu 2018

82.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni ir-Rapport tal-Ewwel Kwart ghall-perjodu ta' Jannar sa Marzu 2018.

82.4.2 Wara spjegazzjoni tal-figuri, il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport tal-Ewwel Kwart ghall-perjodu ta' Jannar sa Marzu 2018.

**82.5 Korrispondenza**

82.5.1 Tressqet korripondenza minghand PBS dwar programm televiziv li se jsir fiz-zmien tal-loghob tat-tazza tad-dinja fejn se ssir trasmissjoni ta' wahda mill-loghbiet fil-lokal taghna. Bhala spiza ghal din l-attivita' intalbet is-somma ta' €600. Il-Kunsill ma qabilx li jippartecipa bi hlas imsemmi. Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li l-programm isir izda mhux lest li jhallas €600 sabiex jippartecipa.

82.5.2 Tressqet kwotazzjoni dwar sprall tal-hadid fi Triq Garakol k/m Triq il-Milwa. L-ispiza hija ta' €113.52. Il-Kunsill approva.

82.5.3 Tressqet talba minghand residenta li sofriet ksur wara li waqghet f'gandott fi Triq Santa Marija. Dan il-gandott thalla miftuh mill-WSC. Din ir-residenta qed titlob lill-Kunsill sabiex ihallasha tal-ispejjez ta' cleaner li qed iggib darbtejn fil-gimgha sabiex inaddfilha. Il-Kunsill qabel li tinbaghat korrispondenza lill-WSC sabiex ninfurmawhom dwar dan u dwar it-talba tar-resident.

82.5.4 Rigward it-tender tal-Bandli, is-Segretarju Ezekuttiv qalet li minhabba li l-Perit ma baghatx specifications tal-plumbing u electricity tal-progett tal-bandli, tlabna dawn id-dokumenti lill-Enginier. Tressqet stima ghal dawn is-servizzi ghall-prezz ta' €4950. Il-Kunsill approva.

82.5.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-cameras li hemm fi Pjazza San Gorg qed jiffunzjonaw izda wahda mill-cameras se tigi mressqa minhabba li mhux qed tintuza bl-ahjar mod possibli biex jinqabdu l-abbuzi li qed isiru. Dwar dan il-Kunsill qabel. Rigward l-abbuzi li saru s'issa, il-Kunsill qabel li tintbaghat notifika lil kulhadd li jekk jerga jsir l-abbuz se jigu mharrkin.

82.5.6 Tressqet kwotazzjoni sabiex titnaddaf Triq il-Barklor mill-ammont ta' skart u terrapien li hemm. Il-kwotazzjoni hija ta' €453.37. Il-Kunsill approva.

82.5.7 Tressqet kwotazzjoni minghand il-Cleansing Department sabiex isir it-tindif wara l-marc tal-festa. Il-kwotazzjoni ghat-tindif hija ta' €900 li tinkludi l-hasil tat-triq. Il-Kunsill qabel li jitlob l-istima minghajr il-hasil u jitlob stima ohra minghand kuntrattur iehor.

**82.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

82.6.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar zewg arbli li hemm fi Triq ic-Cimiterju fejn qal li huma perikoluzi u li hemm bzonn jinbidlu. Dwar dan il-Kunsill qabel.

82.6.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir zebra crossing fi Triq Napuljun Caruana Dingli. Il-Kunsill qabel li jibghat lit-Transport Malta.

86.6.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta sabiex fi Triq Santa Marija, minn wara l-Knisja jitwahhlu bollards bil-planters, biex b'hekk tissolva l-problema ta' pparkjar fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li jressaq talba lit-Transport Malta.

86.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li saret laqgha fil-Housing estate dwar il-problema tal-ilma li hemm. Is-Sindku qal li l-Housing Authority pproponew li ssir trinka fl-art biex l-ilma joskula gol-gutter. Il-Kunsill ma qabilx li jsir dan minhabba li l-Housing Estate jaqa' that ir-responsabilita' tal-Hounsing Authority filwaqt li l-problema tal-ilma ghandha tigi solvuta mill-WSC. Il-Kunsill qabel li jikteb formalment lill-Ministri ikkoncernati sabiex ninfurmawhom dwar is-sitwazzjoni.

86.6.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-konkos li hemm bzonn jinghata fejn il-post tan-nar ta' Santa Marija. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mar-rapprezentanti biex ix-xoghol isir min-naha taghhom u l-Kunsill jipprovdi l-materjal.

86.6.6 Rigward il-barijiet fil-festa ta' San Guzepp, is-Sindku ressaq talba sabiex il-kazin tal-labour jarma l-bar mill-Erbgha. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li dakinhar ikun hemm il-Kuncert Generali. Rigward il-kazin ta' Santa Marija, il-Kunsill qabel li, bhas-snin precedenti, bar ma jintramax izda jarmaw biss imwejjed tal-injam fi Triq G.M.Farrugia.

## 82.7 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri

Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li id-dawl tal-ground qed ikun mixghul fis-7pm. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se jitranga it-timer.

## 80.8 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss

80.8.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tnejn, 25 ta' Gunju 2018 fil-5:30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-20.00

________________________
Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku